MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 302/2008

**Viva Tours Limited**
**(C - 36327)**

**vs**

**British Jet Limited**
**(C - 25698)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici, fejn ippremettiet illi l-ammont ta' elfejn, mitejn u zewg ewro u tlieta u sebghin centezmi (€2,202.73), li jirrapprezentaw pagamenti fuq taxxa tat-tluq, u fuq servizzi mhallsa mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, liema ammont ma kienx dovut u li s-socjeta' konvenuta hi obbligata tirrifonda lis-socjeta' attrici.

Illi kif jidher mill-iskambi elettronici bejn rapprezentanti tas-socjeta' attrici u dawk tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' konvenuta kienet accetat li kellu jigi rifuz lura lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes, inkluza dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 10 ta’ Ottubru, 2007 u tal-ittra ufficjali (skont l-Artikolu 166A) u bl-imghax legali dekoribbli skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi, ecceppiet ukoll illi l-*credit note* saret minghajr il-kunsens tas-socjeta’ konvenuta u sussegwentement giet irrifjutata mis-socjeta’ attrici.

Illi t-*terms* u kundizzjonijiet relatati max-xiri ta’ biljett kienu jispjegaw car u tond li l-ebda rifuzjoni ghandha tinghata.

Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex tbati l-ispejjes.

Ra x-xhieda ta’ Anthony Chircop, Managing Director tas-socjeta’ attrici, li jispjega li s-socjeta’ attrici kienet irriservat xi *seats* fuq titjira ghal Glasgow mal-British Jet.

Jikkonferma li kellhom ammont ta’ *seats* allokati, izda ma kienx irnexxilhom jbieghhom kollha. Peress li kellhom *commitment* mas-socjeta’ konvenuta, din kienet talbithom sabiex ihallsu ghas-*seats* kollha li kienu bbukkjaw.
Kien hemm lment fuq il-kont peress li parti minn dak li hallsu kien jikkonsisti wkoll fit-taxxa illi jhallas kull passiggier meta jixtri t-titjira u ghalhekk kienu talbu r-rifuzjoni ta’ dawn il-flus.

L-ammont li qed jintalab u cioe’ ta’ elfejn, mitejn u zewg ewro u tlieta u erbghin centezmi (€2,202.73).

Wara hafna korrispondenza bejn il-partijiet, kien hemm zmien meta s-socjeta’ konvenuta kienet lesta li thallas lura r-rifuzjoni, izda mbaghad kienet ipproponiet li dan isir permezz ta’ *credit note* u juzawh meta jkun hemm bzonn.

Kienu ppruvaw jaraw jekk din il-proposta kienitx tahdem, izda ma uzawx dan il-kreditu ghax ma kellhomx bizzejjed

domanda biex taghmel tajjeb ghall-ammont li kienu qed jippretendu li jiehdu lura.

Ra x-xhieda ta' Albert Callus, li jispjega li hu kien jahdem mas-socjeta' attrici bejn is-sena 2005 u 2006. Ighid li s-socjeta' attrici kienet xtrat tletin (30) siggu fuq il-British Jet ghaliex kien hemm il-hsieb li jigi organizzat *tour*. Pero' kienu bieghu biss hdax-il (11) siggu.

Apparti l-hlas ta' tletin (30) siggu, kien hallsu wkoll it-taxxa, izda mbaghad wara li rnexxielhom ibieghu biss numru anqas ta' siggijiet, kienu talbu lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondi t-taxxa tan-nies li ma kienux siefru, u cioe' ghal biljetti mhux mibjughin.

Jikkalkola li t-taxxa li hallsu kienet tammonta ghal disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tlieta u sittin centemzu (Lm945.63), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u zewg ewro u tlieta u sebghin centezmi (€2,202.73).

Kien hemm diversi *e-mails* li ntbaghtu bejn il-partijiet, u kien is-sur Borg li kien issuggerixxa illi kellhom jikkonsultaw r-regolamenti ta' British Jet, u wara li ghamel dan irrizultalu li ma kienx hemm regolament li kien jikkunsidra r-rifuzjoni tat-taxxa mhallsa.

Jikkonferma li sakemm baqa' jahdem mas-socjeta' attrici, l-ebda taxxa ma kienet thallset lura.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fuq l-atti jidhru li l-partijiet qedghin jaqblu, fis-sens li s-socjeta' attrici kienet irriservat diversi postijiet fuq it-titjira minn Malta ghal Glasgow fuq il-British Jet. Kienet irriservat tletin (30) post, izda kien irnexxielha tbiegh biss dsatax (19) minn dawn il-postijiet.

Il-punt in kontestazzjoni huwa jekk is-socjeta’ konvenuta ghandhiex tirrifondi dak l-ammont f’forma tat-taxxa ghal dawk il-postijiet li ma nbieghux.

Jidher li hemm qbil li l-ammont tat-taxxa ghal postijiet li ma kienux nbieghu kien ta’ elfejn, mitejn u zewg ewro u tlieta u sebghin centezmi (€2,202.73), inkluz in parti ghas-servizzi mhallsa mis-socjeta’ attrici.

Mill-*e-mails* li ntbaghtu bejn Anthony Chircop li kien jahdem mas-socjeta’ attrici u ma’ Nathaniel Borg ghas-socjeta’ konvenuta, jidher li s-socjeta’ attrici kienet qed titlob l-istess ammont li qed tippretendi fl-Avviz u kienet talbet lis-socjeta’ konvenuta konferma li la darba kien hemm diversi postijiet li ma nbieghux u addiritura ma kienx hemm vjaggar fuq it-titjira, ghalhekk it-taxxa tkun rifondibbli.

Is-socjeta’ konvenuta tinsisti li skont ir-regolamenti u kundizzjonijiet ta’ Bargain Holidays, li tahtu kien jaqa’ l-ftehim li kien hemm bejn l-partijiet, kien hemm car u tond li din it-taxxa mhix rifondibbli. Izda anke jekk verament dan kien il-kaz, minn jallega jrid jipprova, izda s-socjeta’ konvenuta, fl-ebda stadju tal-provi taghha, pproduciet kopja ta’ dawn ir-regolamenti u kundizzjonijiet.

Ghalhekk, ghal dan it-Tribunal huwa difficli biex jasal ghal konkluzzjonijiet tieghu, fin-nuqqas ta’ prova dokumentali, u ghaldaqstant, aktar ghandu jevaluwa l-kredibbilita’ *o meno* tax-xhieda.

Primarjament, is-socjeta’ konvenuta rrapprezentata minn Nathaniel Borg kienet accettat li tirrifondi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici (*vide e-mail* tal-21 ta’ Awissu, 2006) u ftit wara, ddecidiet li tghaddilhom *credit note* u juzawha meta kien hemm il-htiega.

Ir-regolamenti ma gewx esebiti, sabiex b’hekk fi kwalunkwe kaz, l-aqwa prova hija assenti.

Is-socjeta' attrici tametti li ppruvat tiffunzjona bil-*credit note*, izda dan ma kienx facli ghaliha sabiex timla' l-postijiet vojta u ghalhekk kellha tinsisti ghal rifuzjoni.

Ir-realta' hija li s-socjeta' konvenuta ma ppruvatx lil dan it-Tribunal li kellha kull dritt tirrifjuta li tirrifondi l-flus li hallset is-socjeta' attrici sabiex tirriserva post fuq l-ajruplan ghal tletin (30) minn nies, meta kienu siefru biss dsatax (19).

It-Tribunal jaqbel illi la darba ma hemm xejn biex jikkontradixxi lis-socjeta' attrici, hemm konkluzjoni wahda, li ghal kull persuna li ma rriservatx postha fuq dan l-ajruplan, dik it-taxxa ghandha tigi rifuza.

Lanqas hemm kkontestazzjoni fuq l-ammont pretiz.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn, mitejn u zewg ewro u tlieta u sebghin centezmi (€2,202.73), li jirrapprezentaw pagamenti fuq taxxa tat-tluq u fuq servizzi mhallsa mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta bl-ispejjes u imghax kif mitluba kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------